MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 519/2009

**Stefano Pulis (K.I. 317388M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tliet mija hamsa u tmenin ewro, u sebgha u tletin ewro centezmi (€385.37) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skont diversi kontijiet mibghuta lilu fuq *Contract Number* 383217 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut fil-21 ta' Jannar, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------